**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil )**

**Vs**

**Tony Armando Zahra**

**Kumpilazzjoni Nru: 1144/2014**

**Illum 27 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tony Armando Zahra mwieled fil-21 ta' Lulju 1975 gewwa Londra ta' 39 sena iben Alfred u Elisabeth nee' Craig residenti Seaview Flats, door 11A, Qawra Road, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 72688M:

Talli fit-23 ta' Novembru 2014 ghal habta tal-5.30 ta' wara nofsinhar gewwa dawn il-Gzejjer fi triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi jew minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti (Wps 33); art 96 tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna ta' Ps153 u Wps 33, inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezza fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; art 95 tal-Kap 9;

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ghamel offiza fuq il-persuna ta' Wps33 li hija ufficjal pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jifluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha hekk kif gie certifikat minn Dr J. P. Tabone reg no 3051 mic-centru tas-sahha ta' Floriana; Art 94 tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Wps 33 Ben Valletta skont kif iccertifikat minn Dr J. P Tabone

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon-ordni b'ghajjat u/jew glied; art 338(dd) tal-Kap 9;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' da nil-kodici jew ta' ligi ohra; artikolu 338(ee) tal-Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. Fl-artikoli 94, 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 23,31, 49 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Kunsiderazzjonijiet

Permezz tal-imputazzjonijiet l-imputat qieghed jigi akkuzat ai termini tal-artikoli 94, 95 u 96 tal-Kodici Kriminali u b'diversi kontravenzjonijiet.

Illi jrid jigi rilevat mill-ewwel li l-artikolu 94 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern u dan billi dan l-artikolu jitratta dwar offiza fuq il-persuna ta' Mhallef, Avukat Generali, Magistrat jew gurat waqt li jkun qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel d-dmirijiet tieghu u fl-akkuzi odjerni ma nsibu ebda persuna li tokkupa xi wahda minn dawn il-karigi li giet b'xi mod leza.

Illi nkwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet jrid jigi rrilevat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg reati ipotizzati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha[1].

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel

[1] Ara sentenza **Pulizija vs Carmelo Bugeja** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-29 ta' Jannar, 2014

servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-motiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale*

*non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*." (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u l-Carrara jsostnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita' deve essere nota a chi resiste.*"

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita'

kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

*"Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Mir-rizultanzi processwali processwali jirrizulta li dakinhar tal-incident l-imputat kien miftiehem li jiltaqa' ma' Tracey Borg[2] (li hija l-persuna li tghix mieghu fl-appartament) f'Ta' Xbiex. L-imputat kellu xi hsara fil-karozza u kkomunika ma' Borg. F'mument minnhom[3] Tracey Borg giet imwaqqfa mil-pulizija pajzana li bdew jippruvaw jarrestawha billi kienet *wanted* mil-pulizija fuq mandat ta' arrest u diversi tickets of admissions. Dawn il-pulizija kienu Wps 33 Ben Valletta.

Jirrizulta li Wps 33 waqqfet lil Borg u infurmatha li kienet taht arrest rigward il-mandat ta' arrest mahrug fil-konfront taghha. Wps 33 tixhed li hija identifikat ruhha bhala pulizija u wrietha t-tag li tkun imdendla mal-ghonq. Tracey Borg giet infurmata wkoll bid-dritt taghha inkluz id-dritt tal-avukat. Is-surgent tixhed *"Gejna biex nidhlu fil-vettura, kif gejt biex naghmlilha l-mannetti bdiet timmolla w tghidilna ma riedx nidhol, qbadtniha jiena u s-surgent Lydon biex indahluha fil-vettura meta fil-pront mil-kantuniera l-ohra tat-triq gie s-sur Tony Armando Zahra."* Hija kompliet tixhed: *"Fejn jiena lhaqt ghamiltilha mannetta wahda m'idejha, is-sur Tony Armando Zahra dahal bejni u bejn l-arrestata fejn jissilet maghna fl-istess hin jghidilna halluni ha nikkalma. Hi bdiet twerzaq u tghid li qed tibza' tigi maghna u beda jigbidna biex dhalna li ma*

---

[2] Fl-istqarrija jghid li ma kienx miftiehem, izda fix-xhieda quddiem din il-Qorti ighid mod iehor u l-Qorti hija konvinta li kienu niftehmin

[3] Xhieda ta' Wps 33 fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014

*tinfed ghal imkien. Kif wasalna f'nofs din it-triq hu baqa' jissilet maghna, baqa' jissilet mieghi biex jaqlani minn maghha u filwaqt li beda jghidli hallini ha nikkalma beda jtini bil-minkeb go sidri tan-naha tal-lemin.*
*Fl-istess hin ukoll fil-kommosjoni kollha hin minnhom jiena spiccajt mnezza' ghax is-Sur Tony Armando Zahra beda jigbidli t-top 'il fuq filwaqt li Tracy Borg bdiet tigbidli l-indument, tant hu hekk li jien bdejt nghid lis-Surgent li kien hemm mieghi li jien kont qed ninsab imnezza' biex jassistini aktar".*

Wps 33 tixhed li l-imputat ikkawzalha tbengil skont ic-certifikat rilaxxat. Is-surgent tixhed li hija bdiet tghid lill-imputat li kien qieghed jostakola x-xoghol tal-pulizija u li jekk ma kienx ser jersaq lura kien se jigi arrestat. Huwa beda jghidilhom li ma riedx lilhom izda ried pulizija tal-uniformi. Madankollu jirrizulta li huwa kien a konoxxenza tal-fatt li huma kienu pulizija.

Ix-xhieda ta' Ps 153 Lydon Zammit hija fl-istess binarju ta' Wps 33. Importanti pero' d-dettal li jsemmi x-xhud li hin minnhom l-imputat qallu *"kull m'ghandha hija multi, m'ghandkhomx ghalfejn tarrestawha"*. L-imputat kien il-hin kollu bejn Wps 33 u Tracey u ma setghux jaghmlulha t-tieni manetta. Ix-xhud jixhed dwar l-imputat *"fit-taqbida jien kont quddiemhom hu kien bejn bejn is-Surgenta u bejn Tracey, kellu l-minkeb fuq is-Surgenta u l-Tracey."* Ps 153 jixhed li sofra gidma minn Tracey Borg u girfa fuq il-polz li ma jafx min ghamililu. Beda jaghti l-ordnijiet lill-imputat biex jersaq minn maghhom biex ikomplu jaghmlu xogholhom imma ma telaqx.

L-imputat min-naha tieghu jichad li uza xi vjolenza fil-konfront tal-pulizija, anzi jsostni li l-pulizija kienu aggressivi ma' Borg u sostna li nvolva ruhu ghaliex thassarha. F'dan l-istadju ma jistax ma jigix innutat li d-deposizzjoni bil-gurament tal-imputat u l-istqarrija rilaxxjata minnu f'diversi punti ma jikkombacjawx. L-imputat meta mistoqsi dwar dan isostni li l-verita' hija dik li tirrizulta mix-xhieda tieghu u dan billi meta rrilaxxja l-istqarrija huwa ma kienx ittiehed ghal *methadone*. Din il-Qorti tqis li la fl-istqarrija (li d'altronde' l-imputat iffirmaha) u wisq anqas fix-xhieda tieghu l-imputat ma jista' jitwemmen u huwa evidenti li l-ebda wahda mill-versjonijiet moghtija minnu m'ghandhom mill-veru.

Huwa evidenti li l-imputat kif ra lill-ufficjali tal-pulizija jippruvaw jarrestaw lil Borg ra kif ghamel biex ifixkilhom sabiex ma jesegwux l-arrest. L-ufficjali inkwistjoni ghalkemm pajzana identifikaw ruhhom mieghu. Ghalxejn ighid li ried pulizija tal-uniformi ghaliex dawk li

kellu quddiemhom kienu pulizija. Huwa kien jaf ben tajjeb li kienu pulizija tant huwa hekk li staqsihom ghalfejn kienu qeghdin jarrestaw lil Borg sempliciment fuq multi. L-imputat mhux biss ipprova jfixkel lill-ufficjali (tant li ma setghux jimmanettawha), u m'obdix l-ordnijiet legittimi moghtija lilu, talli dahal f'nofshom u beda jaghti bil-minkeb lill-Wps 33 Ben Valletta. B'konsegwenza ta' dan l-istess Wps 33 meta ezaminata fl-istess gurnata minn tabib giet certifikata li sofriet grif kif ukoll *"redness and bruising Rt Breast, mostly lateral"*. Dan ikompli jikkonferma kemm il-versjoni moghtija mill-istess Wps 33 Bernardette Valletta hija kredibbli u tirrifletti proprju dak li sehh f'dik il-gurnata

F'dan l-istadju se ssir referenza ghal bran mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[4] li huwa applikabbli ghall-kaz odjern ossia:

*"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizzju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

*L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonche aggressiv."*

Imbaghad fis-sentenza succitata **Il-Pulizija vs Decelis** gie ritenut ukoll**:**

*"Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-Pulizija vs John Mallia" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -*

*Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha*

[4] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

*fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest. Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-Pulizija ghax kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xhieda tal-Pulizija li kienu qeghdin jezegwixxu l-manuvra tal-arrest jirrizulta li l-imputat ma hebbx ghalihom; u ghalhekk din il-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li bl-agir tieghu l-imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija li kienu qeghdin izommuh biex joffendihom fuq il-persuna taghhom."*

F'dan il-kaz partikolari din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat attakka u rrezista lill-ufficjali tal-pulizija mhux ghaliex kien spint mix-xewqa tal-liberta' ghaliex il-pulizija ma kienux marru ghalih. Kien huwa li mar fuqhom u agixxa b'mod aggressiv biex ifixkilhom fid-doveri taghhom. Ghalhekk abbazi tar-rizultanzi processwali u ta' dak fuq espost din il-Qorti tqis li l-ewwel zewgt imputazzjonijiet gew ampjament ippruvati billi r-rekwiziti mehtiega sabiex jigu ppruvati gew ampjament sodisfatti.

Il-hames u s-sitt imputazzjonijiet jinsabu wkoll ippruvati billi rrizulta li kien hemmksur tal-paci pubblika u m'hemmx dubju wkoll li l-imputat m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku.

Illi l-ufficjal prosekutur kien talab li tizdied imputazzjoni ai termini tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9. Madankollu dan l-artikolu ma jiffigurax fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju u ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha billi ghandha tqis biss dawk l-artikoli li jiffiguraw fl-istess nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva giet ezebita vera kopja fotostatika tas-sentenza moghtija fit-12 ta' Settembru 2009. Il-konnotati tal-imputat huma identici ghall-imputat odjern u ghaldaqstant dan l-addebitu huwa ippruvat fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat instab hati diversi drabi mill-Qrati fuq diversi imputazzjonijiet. Jigi nnutat ukoll li mhux l-ewwel darba li l-imputat

instab hati ta' dawn it-tipi ta' reati li taghhom qieghed jinstab hati llum w allura huwa evidenti li l-imputat m'ghandu l-ebda rispett lejn l-awtoritajiet. Jirrizulta wkoll mill-atti li matul il-proceduri odjerni kien assenjat ufficjal tal-probation u min-noti prezentati minnu jirrizulta li ghalkemm l-imputat inghata l-opportunita' li jigi mghejjun anki in vista' tal-vizzju tad-droga huwa ma hax din l-opportunita' a beneficcju tieghu anzi kien dizinteressat. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 95, 96(a), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra b'dan illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni l-imputat mhux qieghed jinstab hati li kkaguna offiza fuq il-persuna ta' Ps 153 u tikkundannah ghal sena prigunerija u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' hamest elef euro (€5,000). L-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva inkwantu ghall-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss inkwantu ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' Wps 33 Bernardette Valletta taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena.

Il-Qorti ma tqisx li hem il-htiega ghal Ordni ghat-Trazzin fil-konfront tal-imputat.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat